MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 238/2007

**Q T**
**vs**
**R T**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Awissu 1984, u minn dan iz-zwieg twieldu hamest-it tfal, li minnhom V [14 April 1993] biss ghadu minorenni; li z-zwieg bejn il-partijiet "tkisser irrimedjabbilment minhabba sevizzi, theddid u ngurji gravi da parti ta' l-intimat, kif ukoll minhabba nkompatibilita' ta' karattru"; li l-attrici ghandha l-awtorizzazzjoni mehtiega fil-ligi sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din l-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija tal-konvenut, fit-termini tal-kawzali fuq indikata; [2] tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata f' idejn l-attrici; [3] tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaliha

u ghat-tfal minuri tal-partijet; [4] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti, bejn il-partijiet; [5] tordna li l-beni dotali u parafernali ta' l-attrici jigu assenjati lilha; [6] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dekadenza kontemplata fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap.16; bl-ispejjez;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Dicembru 2009, dwar il-kontumacja tal-konvenut, li biha awtorizzat lill-istess jipprezenta risposta guramentata fit-terminu hemm indikat;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut [1] iddikjara li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni, izda unikament ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici; [2] jopponi li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament lill-attrici, imma ghandha tibqa' kongunta; [3] filwaqt li jaccetta li jhallas manteniment ghat-tifel minuri, jopponi li jhallas manteniment ghall-attrici, stante li hi l-parti hatja tas-separazzjoni, u noltre hi kapaci tmantni lilha nnifisha; [4] jaqbel max-xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti; [5] jghid li l-attrici ghandha tindika l-beni dotali u parafernali li qed tippretendi; [6] jopponi li ghandhom jigu applikati kontrih d-dispozizzjoni ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tkissir taz-zwieg ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewwgu fis-26 ta’ Awissu 1984, u minn dan iz-zwieg ghandhom hamest-it tfal, li wiehed minnhom, V, li twieled fl-4 ta’ April 1993, u li ghandu bzonnijiet spejcali, huwa minorenni.

Illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet kienet normali sakemm fis-sena 1997 l-attrici mardet bil-kancer, u meta eventwalment fieqet, qabditha depression. Minn hemm ‘il quddiem ir-relazzjoni bejn il-partijiet iddigenerat, sakemm irrizulta car li l-partijiet ma setghux jikkonvivu aktar flimkien fil-hajja matrimonjali.

L-attrici ssotni li l-konvenut kien insensittiv fil-konfront taghha, kien jghajjarha u kien vjolenti maghha, kemm moralment, u okkazzjonalment anke fizikament. Barra minnhekk il-konvenut kien beda jhalliha nieqsa mill-flus b’ mod li hi ma setghetx tkampla bil-‘paga’ settimanali li kien jaghtiha.

Il-konvenut minn naha tieghu jichad li hu ma kienx jiehu hsieb martu u uliedu, u spjega li hu ma setghax jiehu l-leave meta ried biex joqghod ma’ l-attrici, stante li hu jahdem mal-forzi armati, u di piu’ kellu jahdem kontinwament sabiex imantni lill-attrici u l-hamest-it tfal taghhom, peress li l-attrici, ma kienitx tahdem barra mid-dar, ghajr okkazjonalment meta kienet tmur tghin lil hutha fil-bejgh tal-haxix.

Illi sfortunatament, wara l-mard ta’ l-attrici, il-partijiet bdew jirriskontraw diffikultajiet fir-relazzjoni ta’ bejniethom, bir-rizultat li l-istress tal-mard u tat-trobbija ta’ hamest-it tfal, wiehed minnhom bi bzonnijiet specjali, wassal sabiex il-partijiet jillitigaw kontinwament bejniethom, u kelma ggib lil ohra, azzjoni twassal ghal kontro-azzjoni, sakemm il-komportament taghhom fil-konfront ta’ xulxin kien tali li l-hajja matrimonjali bejniethom ma kienitx aktar possibbli stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi ghalhekk it-talba attrici, limitatament ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

**Kura u Kustojda**
Illi fic-cirkostanzi, u stante li l-konvenut baqa' juri nteress fit-tifel minuri, tant li l-attrici stess fid-depozizzjoni taghha tghid li l-konvenut "johrog lin-V kull nhar ta' Hadd, u meta jkun 'off', u dan fil-ghaxijiet."[1], il-Qorti hija tal-fehema li l-kura u kustodja ta' dan il-minuri, li ser jaghlaq tmientax-il sena fl-4 ta' April ta'din is-sena, ghandha tibqa' wahda kongunta, u, ghalkemm it-tifel ghandu jibqa' jghix ma' l-attrici, il-konvenut ghandu jibqa' jkollu access kif ezercitat fil-prezent.

**Manteniment**
Illi in propozitu huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] li mill-provi jirrizulta li d-dar konjugali hija parafernali ghall-attrici, u ghalhekk il-konvenut ser jkollu jfittex akkomodazzjoni alternattiva, bl-ispejjez kollha li dan jinvolvi.

[2] li jirrizulta li l-konvenut jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta u ghandu salarju nett ta' €13,481.22; inoltre, jahdem bhala mastrudaxxa fil-hin liberu tieghu.

[3] li l-attrici, ghajr li ccekceh xi haga meta tmur tghin lil hutha, ma tahdimx barra mid-dar, u llum ghandha circa 55 sena u per di piu' ssofri minn mard, u ghalhekk il-potenzjal taghha ghax-xoghol huwa limitat hafna;

[4] li l-attrici tiehu s-somma ta' €335 ghajnuna minghand il-Gvern tad-dizabilita' tat-tifel, filwaqt li ma tiehu xejn tat-tfal l-ohra, peress li huma maggjorenni, u tlieta minnhom jahdmu;

Illi permezz ta' digriet provvizorju moghti fl-14 ta' Lulju 2009, din il-Qorti kienet ordnat li l-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' €209, u ghal minuri s-somma ta' €116, kull erba' gimghat.

[1] Vol.2 – fol.192

Illi tenut kont tal-premess, u tenut kont li tlett-it tfal tal-partijiet ghadhom jghixu fid-dar u jahdmu, u li l-attrici ser tibqa' tabita fid-dar flimkien ma' uliedha, tordna li l-konvenut ihallas lilha bhala manteniment l-istess retta alimentarja, ghaliha, u ghat-tifel V sakemm dan isir maggjorenni.

Hija flokha l-osservazzjoni li, gjaladarba t-tfal tal-partijiet baqghu jghix fid-dar ma' ommhom, u li tlieta minnhom jahdmu, huma ghandhom jikkontribwixxu b' mod proporzjonat ghall-ispejjez ta' l-utilitajiet tad-dar, apparti minn spejjez ohra li jsiru ghal beneficju taghhom ukoll.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi din tikkonsisti fl-ghamara ezistenti fid-dar konjugali nru.48 “Ciklama” Triq Sta.Domenika Zabbar; dghajsa, karrozza u ghodda tal-mastrudaxxa; kont bankarju; kreditu tal-komunjoni kontra l-attrici. Hemm ukoll kreditu tal-konvenut kontra l-attrici.

Illi l-Qorti tordna li l-assi tal-komunjoni jigu assenjati bil-mod segwenti:

[1] Il-konvenuta jitrasferixxi lill-attrici sehemu mill-ghamara ta' tlett-ikmamar tas-sodda, kcina, salott, television, cooker, fridge, washing machine li jinsabu fid-dar konjugali, b' mod li dawn l-effetti jkunu jappartjenu lill-attrici fl-intier taghhom;

[2] L-attrici titrasferixxi lill-konvenut sehemha mid-dghajsa, il-karrozza, u d-diversi ghodod tal-mastrudaxxa u cioe' band-saw, kumpressur u makna tac-cana, b' mod li dawn l-effetti jgu jappartjeni lill-konvenut fl-intier taghhom;

[3] Il-bilanc tal-flus li hemm fil-kont bankarju llum, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

[4] Il-kreditu tal-kommunjoni ta' l-akkwisti kontra l-attrici fl-ammont ta' €2,329, rapprezentanti xoghol ta' kostruzzjoni mill-partijiet waqt iz-zwieg fid-dar matrimonjali parafernali ta' l-attrici – nofs dan il-kreditu jappartjeni lill-konvenut, li ghalhekk ghandu jiehu minghand l-attrici s-somma ta'

€1,165. L-attrici hi ordnata thallas lill-konvenut dan l-ammont;

[5] Kreditu tal-konvenut kontra l-attrici fl-ammont komplessiv ta' €5,124.62[2]. L-attrici hi ordnata thallas lill-konvenut dan l-ammont.

[6] Id-dejn mal-Korporazzjoni Enemalta pendenti sallum, u sakemm il-konvenut jallontana ruhu effettivament mill-imsemmi fond, jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet;

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiiet, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;
[2] tilqa' t-tieni talba fis sens fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';
[3] tilqa' t-tielet talba fis sens fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[4] tilqa' ir-raba' talba, u, filwaqt li tordna x-xoljiment tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, tordna li dina, tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti'; u tordna li jithallsu l-krediti hemm indikati; tordna li l-konvenut jallontana ruhhu mill-imsemmi fond fi zmien gimghatjen;
[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[6] tichad is-sitt talba;

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Fol.60 – skrittura 27.12.1982